*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,335, 31 ta' Diċembru, 2002*
*Taqsima B*

**A.L. 421 ta' l-2002**

## ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI (KAP. 318)

### Regolamenti ta' l-2002 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Rati għal Istituzzjonijiet u Hostels Statali (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 84, 93 u 131 ta' l-Att dwar is-Sigurta' Soċjali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Politika Soċjali, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Rati għal Istituzzjonijiet u Hostels Statali (Emenda Nru.2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2000 dwar Rati għal Istituzzjonijiet u Hostels Statali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. A.L. 60 ta' l-2000.

**2.** Fis-subregolament (3) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara il-kliem, "residenti minbarra" għandhom jidħlu l-kliem "xi pagi jew salarju li tirċievi l-parti l-oħra fiż-żwieġ li mhix residenti li jkollha l-kura ta' xi wild minorenni jew jekk mhux minorenni, jkollu aktar minn sittax-il sena iżda anqas minn wieħed u għoxrin sena u jew (i) ikun għadu jattendi kors ta' studju jew tagħlim *full time* f'istituzzjoni edukattiva rikonoxxuta mill-Gvern skond l-Att dwar l-Edukazzjoni, jew (ii) ikun reġistrat bħala persuna mingħajr xogħol taħt it-Taqsima 1 tar-reġistru, u". Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali. Kap. 327.

**L.N. 421 of 2002**

## SOCIAL SECURITY ACT
## (CAP. 318)

### State-Owned Institutions and Hostels Rates (Amendment) (No. 2) Regulations, 2002

IN exercise of the powers conferred by articles 84, 93 and 131 of the Social Security Act, hereinafter referred to as "the Act", the Deputy Prime Minister and Minister for Social Policy, with the concurrence of the Minister of Finance, has made the following regulations:-

Citation.

**1.** The title of these regulations is the State-Owned Institutions and Hostels Rates (Amendment) (No.2) Regulations, 2002 and shall be read and construed as one with the State-Owned Institutions and Hostels Rates Regulations, 2000, hereinafter referred to as "the principal regulations".

L.N. 60 of 2000.

Amends regulation 2 of the principal regulations.

**2.** In sub-regulation (3) of regulation 2 of the principal regulations, immediately after the words, "other than" there shall be inserted the words "any wages or salaries earned by the non-resident spouse who is taking care of her minor child or if not a minor, is over 16 years but under 21 years and either (i) still undergoing full time education or training in an educational institution recognised by the government in terms of the Education Act or (ii) is registered as unemployed under the Part 1 register, and".

Cap. 327.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni – 3, Pjazza Kastilja – *Published by the Department of Information – 3, Castille Place*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern – *Printed at the Government Printing Press*
Prezz 2c – *Price 2c*